# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Jannar, 2022.**

**Numru 10**

**Rikors numru 19/2019/1 LM**

**L-Avukat Dr Cedric Mifsud a nom u in rappreżentanza ta' Sea-Watch e.V ta' Immanuelkirchstrasse 3-4, 10405, Berlin, Ġermanja**

**v.**

**Awtorita` għat-Trasport f'Malta; il-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali; Direttur Ġenerali fil-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali; u l-Avukat tal-Istat**

1. L-organizzazzjoni attriċi torganizza operazzjoni ta' tfittxija u salvataġġ fil-baħar Mediterran u bdiet topera l-bastiment Sea-Watch 3 f'Awwissu 2017. Fis-16 ta' Ġunju 2018 dan il-bastiment daħal fil-port tal-Belt Valletta sabiex isirulu xogħlijiet ta' manutenzjoni u biex isir stħarriġ għat-tiġdid tad-DNV-GL Class Declaration u xi ċertifikati oħrajn. Il-

bastiment sussegwentement għamel talba sabiex jingħatalu permess joħroġ mill-Port, iżda dan il-permess ma' ingħatax. Ġew involuti l-awtoritajiet Olandiżi sabiex isiru verifiki dwar ir-reġistrazzjoni tal-bastiment iżda wara li saru dawn il-verifiki l-bastiment ingħata permess li joħroġ mill-port ċirka erba' xhur wara. L-organizzazzjoni attriċi ssostni illi Port State Controls ġeneralment idumu biss ftit tal-jiem u li d-detenzjoni tal-bastiment tagħha għal erba' xhur kienet biss frott tal-fatt li l-Awtorita` konvenuta kienet qed tassisti lil Gvern sabiex twaqqaf bastimenti operati minn organizzazzjonijiet non-governattivi, billi l-bastiment twaqqaf milli jopera waqt l-istaġun meta jaqsmu l-immigranti mill-Libja lejn l-Ewropea. Skont l-organizzazzjoni attriċi l-Awtorita` konvenuta irrifjutat milli toħroġ deċiżjoni formali sabiex il-bastiment ikun jista' jsalpa mill-port u dan wassal għal detenzjoni tal-bastiment kontra liema ma kellhiex rimedju ordinarju effettiv bi ksur tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea. Targumenta wkoll li l-fatt li l-bastiment ma kienx qiegħed jitħalla jidħol u joħroġ liberament mill-Port meta kien konformi mal-liġijiet marittimi kiser id-dritt tagħha ta' użu liberu tal-proprjeta` tagħha u li ġiet privata mit-tgawdija tal-proprjeta tagħha mingħajr kumpens xieraq, bi ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

2. F'dawn il-proċeduri hija talbet għalhekk lil Ewwel Qorti sabiex:

"1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi fil-konfront tal-organizzazzjoni rikorrenti l-aġir tal-Awtorità tat-Trasport f'Malta rrendiet impossibbli lill-organizzazzjoni rikorrenti Sea-Watch e.V. li jipprendu l-pussess tal-proprjetà tagħhom għal erbgħa (4) xhur u dan minkejja il-fatt illi huma kienu jinsabu konformi mal-liġijiet u regolamenti marittimi viġenti kemm lokali kif ukoll internazzjonali.

2. Konsegwentament tiddikjara u tiddeċiedi illi ġew vjolati d-drittijiet tal-organizzazzjoni Sea-Watch e.V. għat-tgawdija tal-proprjetà tagħha bi vjolazzjoni tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokolll tal-Konvenzjoni Ewropeja (l-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta).

3. Ulterjorament tiddikjara u tiddeċiedi illi ġie vjolat id-dritt tal-organizzazzjoni Sea-Watch e.V. għad-dritt ta' rimedju ordinarju effettiv bi vjolazzjoni talArtikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta) stante illi l-Awtorità intimata ma ħargitx deċiżjoni formali dwar ir-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha matul l-erbgħa (4) xhur illi il-bastiment inżamm f'pajjiżna u b'hekk ma setgħux jirrispondu għal tali aġir.

4. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimati huma responsabbli għal kumpens u danni sofferti mill-organizzazzjoni rikorrenti b'konsegwenza tal-aġir tal-Awtorità intimata ai termini tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea;

5. Tillikwida l-istess kumpens u danni sofferti mill-organizzazzjoni rikorrenti, ai termini tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea;

6. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom iħallsu l-istess kumpens u danni likwidati ai termini tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimati għas-subizzjoni."

3. Il-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, id-Direttur Ġenerali fil-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali u l-Avukat tal-Istat eċċepew, *inter alia,* illi (1) m'humiex il-leġittimi kontradditturi f'din l-azzjoni, (2) li l-organizzazzjoni attriċi qed tabbuża mill-proċess kostituzzjonali għaliex m'għamlitx użu mir-rimedji ordinarji

disponibbli lilha, (3) l-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea m'huwiex applikabbli, (4) ir-rikorrenti għanda ġġib prova tat-titolu relattiv għall-bastiment Sea-Watch 3, (5) l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni m'huwiex applikabbli, (6) l-interferenza li dwarha tilmenta r-rikorrenti saret għal għan leġittimu u fl-interess ġenerali u ħarset it-test tal-proporzjonalita`, u (7) l-Artikolu 13 ma jesiġix xi proċedura partikolari dwar kif għandu jingħata rimedju u għalhekk ir-rimedju quddiem il-Qorti Kostituzzjonali huwa suffiċjenti għal finijiet ta' dan l-artikolu.

4. L-Awtorita` għat-Trasport f'Malta eċċepiet, *inter alia,* illi (1 - 3) ir-rikorrenti kellha rimedju ordinarju disponibbli lilha skont il-liġi ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u r-rikorrenti qed tabbuża minn proċeduri kostituzzjonali sabiex titlob likwidazzjoni ta' danni li setgħat tintalab fi proċeduri ordinarji, (4) m'hemm l-ebda teħid forzuz kif meħtieġ għal ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, (5) l-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea huwa inapplikabbli, (6) l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea huwa inapplikabbli billi l-Qorti Kostituzzjonali tista' tagħti rimedju effettiv, (7) l-Awtorita` aġixxiet skont is-setgħat u fid-diskrezzjoni u skont id-dmirijiet tagħha li jirriżultaw mil-liġijiet domestiċi u internazzjonali, u (8) l-azzjoni meħuda minnha saret fl-interess tas-sigurta` tan-navigazzjoni u għaldaqstant fl-interess pubbliku u kienet proporzjonali.

5. Bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tal-15 ta' Settembru 2021 ġie deċiz hekk:

> "Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:
>
> 1) Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati l-Avukat tal-Istat, il-Ministeru għat-Trasport Infrastruttura u Proġetti Kapitali u d-Direttur Ġenerali fil-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali u tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-eċċezzjonijiet l-oħra tagħhom;
> 2) Tilqa' r-raba', is-sitt, is-seba' u t-tmien eċċezzjoni tal-Awtorità intimata, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ħames eċċezzjoni, u tiċħad il-kumplament tal-eċċezzjonijiet tagħha; u
> 3) Tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent nomine.
>
> Il-Qorti tordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu kwantu għal terż (1/3) mill-Awtorità intimata u kwantu għal żewġ terzi (2/3) mir-rikorrent nomine."

6. L-organizzazzjoni attriċi ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fl-14 ta' Ottubru 2021 permezz ta' liema talbet lil din il-Qorti sabiex tħassar id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fejn laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat, il-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali u d-Direttur Ġenerali fil-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali u fejn ċaħdet it-talbiet kollha tagħha, u minflok tilqa' t-talbiet kollha tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati.

7. L-Awtorita` għat-Trasport f'Malta ppreżentat ir-risposta tal-appell tagħha fid-29 ta' Ottubru 2021 permezz ta' liema ssottomettiet li l-appell għandu jiġi miċħud in vista li sar fuori termine u fi kwalunkwe każ l-

aggravji kollha għandhom jiġu miċħuda u s-sentenza appellata għandha tiġi kkonfermata.

**Ikkonsidrat;**

**L-eċċezzjoni ta' nullita` tal-appell**

8. L-Awtorita` għat-Trasport f'Malta eċċepiet li r-rikors tal-appell tar-rikorrenti huwa *fuori termine* u konsegwentement null. Tgħid li r-rikors tal-appell ġie intavolat disgħa u għoxrin jum wara li ngħatat is-sentenza tal-Ewwel Qorti, mentri skont ir-regolament 4(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09 l-appell kellu jiġi ntavolat entro għoxrin jum. Targumenta li dan it-terminu huwa wieħed ta' ordni pubbliku u ma jippermetti li ssir l-ebda deroga peress li s-sentenza laħqet saret *res judicata* u mhux permess li l-kontestazzjoni li kien hemm bejn il-partijiet terġa tinfetaħ.

9. L-organizzazzjoni appellanti tirribatti li din l-eċċezzjoni hija nfondata. Skont l-organizzazzjoni appellanti l-liġi applikabbli hija l-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk it-terminu applikabbli huwa dak previst fl-Artikolu 226 tal-imsemmi kapitolu. Targumenta illi peress li l-appell tagħha ġie ntavolat wara li l-artikolu msemmi ġie emendat mill-

Kapitolu XXXII tal-2021, hija kellha tletin ġurnata sabiex tintavola l-appell tagħha u mhux għoxrin ġurnata kif teċċepixxi l-Awtorita` appellata.

10. Il-Qorti tqis li l-argument tal-organizzazzjoni attriċi li t-terminu applikabbli għall-preżentata tal-appell huwa ta' tletin ġurnata ai termini tal-Artikolu 226 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa għal kollox infondat. Peress li dawn huma proċeduri kostituzzjonali t-termini għall-preżentata tar-rikors tal-appell huma rregolati mhux mill-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta iżda mil-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09, għaliex *lex specialis derogat generali.*

11. Is-sentenza appellata ngħatat fil-15 ta' Settembru 2021. Ir-regolament 4(2) ta' din il-Leġislazzjoni Sussidjarja jipprovdi li r-rikors tal-appell għandu jiġi preżentat fi żmien għoxrin ġurnata mid-data tad-deċiżjoni appellata. Għalhekk, f'dan il-każ l-appell kellu jiġi preżentat sa mhux aktar tard mill-5 ta' Ottubru 2021. Jirriżulta pero` li l-appell tal-organizzazzjoni attriċi ġie preżentat fl-14 ta' Ottubru 2021, u għalhekk huwa minnu li dan l-appell ġie preżentat *fuori termine*. Il-Qorti tosserva li t-terminu għal preżentata tar-rikors tal-appell huwa wieħed legali u għalhekk ta' ordni pubbliku. B'hekk m'huwiex possibbli li dan ir-rikors jiġi sanat, u l-preżentata *fuori termine* tiegħu tagħmlu null għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi.

12. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni tal-Awtorita` għat-Trasport f'Malta hija fondata u qed tiġi milqugħa.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-eċċezzjoni ta' nullita tal-Awtorita` għat-Trasport f'Malta, tiddikjara li l-appell tal-organizzazzjoni rikorrenti sar *fuori termine* u konsegwentement tiddikjara l-istess appell null u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.

L-ispejjeż tal-appell jitħallsu mill-organizzazzjoni rikorrenti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr